4 ta' Novembru 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.:
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Angiolina Degiorgio et. *versus* Carmela Attard

**Serviġi — Likwidazzjoni — Depożitu — Spejjeż Ġudizzjarji**

*Meta tintalab somma mhux determinata, li għandha tiġi likwidata bħala ħlas ta' serviġi, ma jistax jingħad li l-attur ma kienx sokkombenti f'parti tad-domanda tiegħu, jekk, għalkemm huwa jkun talab somma indeterminata, miċ-ċitazzjoni u mit-trattazzjoni tal-kawża jidher li*

*l-pretensjoni tal-attur kienet eżaġerata. U għalhekk l-attur ma għandux raġun jilmenta jekk jiġi kundannat iħallas parti mill-ispejjeż tal-kawża.*

*Hu veru li ġie sančit fil-ġurisprudenza li f'xi każijiet hu ammess li min ikun interpellat għall-ħlas ta' somma, li hu tagħha jikkontrasta l-ammont, jista' jagħmel depożitu ta' somma minnu ritenuta ġusta, bir-riżerva ta' supplement, biex b'hekk jeħles mir-responsabbiltà għall-ispejjeż ġudizzjarji; imma min jitlob ħlas ta' serviġi ma jistax jinvoka din il-ġurisprudenza u jippretendi li kellu jiġi meħlus mill-ispejjeż kollha tal-kawża, għax il-parti l-oħra ma għamlet ebda depożitu favur tiegħu, jekk hu qatt ma qiegħed lill-parti l-oħra fil-pożizzjoni li tista' tirregola ruħha, sija pure approssimativament, billi huwa qatt ma jkun indikalha s-somma li kien jidhirlu li kienet kumpens adegwat.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi talbu li, wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u meħud kwalunkwe provvediment opportun, il-konvenuta tiġi kundannata tħallashom dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, anki jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi, bħala kumpens ta' serviżi li huma rrendew lill-konvenuta għal diversi snin. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Settembru, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1957, li biha ddeċidiet adeżivament għat-talba tal-attriċi, billi kkundannat lill-konvenuta tħallas lill-istess attriċi s-somma kif likwidata ta' £33, bħala kumpens tas-serviġi minnhom reżi lil Carmela Attard fl-imsemmi perijodu ta' tliettax il-xahar. L-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi mill-atturi, u in kwantu għar-rimanenti terz mill-konvenuta; wara li kkunsidrat;

Illi, għar-raġunijiet sottomessi, il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu wasal għal dawn il-konklużjonijiet:— (a) Għażżmien kollu mill-mewt ta' omm il-konvenuta sakemm din mardet bir-rewmatiżmu, l-atturi ma għandhomx dritt jitolbu ebda ħlas tas-serviġi li huma setgħu rrendew lill-istess konvenuta, billi, kif jirriżulta, huma kienu qegħdin jaġixxu

b'animu ta' liberalità u gratuwitament, u mingħajr ebda intenzjoni li jitolbu rikompens; (b) għall-aħħar perijodu ta' tliettax il-xahar, ċjoè minn mindu l-konvenuta mardet bir-rewmatiżmu sakemm il-partijiet ma baqgħux midħla ta' xulxin, l-atturi għandhom jirċievu kumpens fl-ammont ta' £33, u dan persaldu ta' kull dritt u pretensjoni tagħhom; (ċ) in vista tal-fatt li, minn dak li rriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, l-atturi bbażaw il-pretensjoni tagħhom għall-perijodu li jibda mill-mewt ta' omm il-konvenuta, u billi ġie lilhom, għal parti minn dan il-perijodu, negat id-dritt li jitolbu kumpens, għandu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż;

Illi din il-Qorti ma ssibx raġunijiet li għalihom għandha tiddipartixxi mill-imsemmijin konklużjonijiet tal-perit legali. Del resto, tant iż-żewġ atturi kemm-il konvenut, fid-dibattitu orali, urew li huma wkoll jirrimettu ruħhom għall-istess konklużjonijiet. Biss l-atturi ssottomettew li ma għandhom ibatu ebda parti mill-ispejjeż, għaliex it-talba dedotta minnhom hi għall-ħlas ta' somma indeterminata;

Illi din is-sottomissjoni mhix aċċettabbli. Hu veru li l-atturi fiċ-ċitazzjoni ma talbux somma determinata, imma hu ukoll veru li s-somma minnhom mitluba b'kumpens, kif jidher fiċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni annessa magħha, hi għas-serviġi li huma rrendew lill-konvenuta "għal diversi snin". Għalhekk hu evidenti li l-pretensjoni tal-atturi kienet għall-ħlas, bħala kumpens, tas-serviġi, li huma ppretendew li ġew reżi minnhom lill-konvenuta, ċjoè, kif jidher aħjar mid-depożizzjoni tal-attriċi Antonia Portelli, għal ċirka sittax il-sena, u mid-depożizzjoni tal-attriċi Degiorgio, minn mindu mietet omm il-konvenuta. Issa, hu fatt, kif jidher mill-ewwel konklużjoni tal-perit legali, li l-atturi ġew esklużi mid-domanda tagħhom għas-serviġi li huma setgħu rrendew lill-konvenuta għaż-żmien kollu mill-mewt ta' ommha sakemm hija mardet bir-rewmatiżmu; u d-domanda tagħhom ġiet milqugħa limitament għas-serviġi li huma rrendew lill-konvenuta minn mindu dina mardet bir-rewmatiżmu sakemm il-partijiet ma baqgħux midħla ta' xulxin, ċjoè għal perijodu ta' tlettax il-xahar. Għalhekk jidher ċar li l-atturi

ma rnexxielhomx isostnu fl-interezza taghha t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni; u konsegwentement għandhom ibatu parti mill-ispejjeż. Il-parti l-oħra għandu jbatiha l-konvenut, li fil-persuna tiegħu ġie trasfuż il-ġudizzju, billi kien ġie negat lill-atturi mill-konvenuta d-dritt ta' kumpens anki għas-serviġi minnhom reżi lil Carmela Attard fl-aħħar perijodu ġa msemmi;

Rat in-nota ta' l-appell taż-żewġ atturi fol. 124, u rat fol. 125 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi jiġi revokat il-kap li bih il-Qorti ta' l-Ewwel Grad iddeċidiet li żewġ terzi mill-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-atturi, u billi jiġi minflok deċiż li l-ispejjeż kollha tal-kawża għandhom jitħallsu mill-konvenut, u tiġi konfermata fil-kumplament;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-appell hu ristrett għall-kap ta' l-ispejjeż;

L-appellanti qegħdin isostnu li huma ma għandhomx ibatu ebda parti mill-ispejjeż, għaliex talbu l-ħlas ta' somma indeterminata, u anki għaliex il-konvenut ma għamel ebda depożitu favur tagħhom;

Dawn iż-żewġ raġunijiet huma insostenibbli;

Kwantu għall-ewwel waħda, għalkemm is-somma kienet indeterminata għal dak li jirrigwarda l-"quantum", però miċ-ċitazzjoni, kif kjarita mix-xhieda taż-żewġ atturi, jidher li huma kienu qegħdin jirreklamaw il-kumpens għal serviġi matul il-perijodu ta' ċirka sittax-il sena. Iżda d-domanda ġiet milqugħa biss għal perijodu ta' tlettax-il xahar. Għal-hekk ma jistax jingħad b'korrettezza li l-atturi ma kienux sokkombenti f'parti rilevanti tad-domanda tagħhom;

Kwantu għat-tieni waħda, hu veru li ġie sanċit fil-ġurisprudenza li f'xi każijiet hu ammess li min ikun interpellat għall-ħlas ta' somma, li hu tagħha jikkontrasta l-ammont, jista' jagħmel depożitu ta' somma minnu ritenuta ġusta bir-riżerva ta' supplement; imma, fil-każ preżenti, iż-żewġ atturi appena jistgħu jilmentaw minn hekk; għaliex huma stess qatt ma qegħedu lill-konvenut fil-pożizzjoni li jista' jirregola ruħu, sija pure approssimattivament, billi qatt

ma ndikawlu s-somma li kien jidhrilhom kumpens adegwat. Fil-kors tat-trattazzjoni l-atturi, permezz tad-difensur tagħhom, osservaw ukoll li fil-fatt ebda differenza ma kien hemm fl-ispejjeż bil-fatt li favur l-attruri ġiet ammessa somma għal perijodu ferm aqsar, peress li, kompla jargumenta d-difensur, l-istess kien ikollha ssir indaġini għal dan il-perijodu, sija pure aqsar. Din l-osservazzjoni ma hijiex aċċettabbli; għaliex hu ċar li, minħabba l-pretensjoni tal-attriċi, riżultata eżaġerata, tabilfors is-seduti quddiem il-perit twalu, u l-indaġini tiegħu estendew ruħhom b'awment relattiv ta' spejjeż;

Għalhekk din il-Qorti mhijiex inklinata li tiddisturba d-diskretiva tal-Ewwel Qorti għar-rigward tal-allokament tal-kap tal-ispejjeż;

Konsegwentement tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell kif limitat u tikkonferma s-sentenza appellata "quoad appellatum"; bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-appellanti.